# 50 sena ta' presepju mekkanizzat fix-Xagħra







Kulħadd jaf bl-imħabba kbira li kellu l-fundatur tal-Museum San Ġorġ Preca lejn il-Milied. Fix-Xagħra, Għawdex, din l-imħabba dakkret lil bosta nies tant li l-presepju mekkanizzat li jiġi esebit fiċ-Ċentru tal-Museum qed jiċċelebra għeluq il-50 anniversarju. Iltqajt ma' John Attard li ismu huwa sinonimu ma' dan il-presepju mekkanizzat biex itini ftit tagħrif tul dawn is-snin. John kien involut fil-bini tal-presepju u l-mekkaniżmu tiegħu mill-ewwel sena, dejjem bl-għajnuna ta' diversi persuni oħra. Fl-1969, grupp ta' soċji kienu tħajru biex il-presepju tal-Museum jibda jsir mekkanizzat. Soċju minnhom, Joe Borg, kien jarma presepju żgħir id-dar u għoġbu jagħti l-apparat mekkaniku lill-Museum biex il-ħsieb tas-soċji jkun jista' jseħħ. Ta' min wieħed jgħid li dan il-mekkaniżmu kien riċiklat minn mutur ta' fann, li kien iħaddem ftit pasturi sserrati minn nofshom li saritilhom molla biex xħin jinġibdu, terġa' ttellagħhom lura. John għadu jiftakar il-movimenti tal-ewwel presepju; il-Madonna u San Ġużepp, il-baqra u l-ħmara, is-sienja, l-anġli jitilgħu u jinżlu, raġel jiftaħ u jagħlaq bieb u r-rgħajja, fosthom wieħed jissara mal-ħmar biex jimxi. Dan il-presepju kien qajjem entużjażmu kbir fost ix-Xagħrin u sal-quddiesa ta' nofsillejl ta' dik is-sena kienu għadhom jissaraw miegħu biex forsi jaħdem. Is-sena ta' wara sar presepju akbar u daħħluh għall-kompetizzjoni mill-Malta Tourist Board, biex saħansitra rebaħ l-ewwel premju fost il-presepji Maltin u Għawdxin. Il-ġurija kienu baqgħu impressjonati bin-numru ta' roti tal-bicycles iduru dawrien differenti biex jinħoloq il-moviment. Il-konkorrenza tan-nies bdiet kulma jmur tiżdied u dan kompla inkoraġġiehom. Meta fis-snin sebgħin ġiet akkwistata l-art biex jinbena ċentru tal-Museum ġdid, ħasbu mill-ewwel biex il-presepju mekkanizzat ikollu kamra apposta għalih, li fiha jkun jista' jiġi esebit b'mod permanenti. Fil-fatt, fl-1984 il-presepju ħa postu fil-kamra fejn jinsab illum u beda jinħadem f'forma ta' storja li tibda b'San Ġużepp ġej mill-bogħod u jħabbat il-bibien, waqt li l-għar ikun għadu vojt. John jgħidli li l-mekkaniżmu jibqa' l-istess, iżda minn sena għal oħra jinbidel xi ftit ix-xenarju. Ix-Xagħra hija magħrufa għat-tradizzjoni ta' presepji mekkanizzati, sa laħaq kien hemm erba' presepji għall-wiri. Fl-okkażjoni ta' dan il-50 anniversarju, se tittella' wirja ta' ritratti u apparat mekkanizzat li kien jintuża fl-ewwel snin, kollu maħdum minn affarijiet riċiklati. Din is-sena ġie rrekordjat ukoll kummentarju bl-istorja tal-presepju matul is-snin flimkien ma' messaġġi minn presepisti magħrufa u mill-għaqdiet tal-presepju f'Għawdex. Il-presepju mekkanizzat tal-Museum tax-Xagħra jkun miftuħ għall-pubbliku minn Jum ir-Repubblika 2019 sas-6 ta' Jannar 2020.